*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali "PARKWAY" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 248 278

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-25 ta' Marzu 2015 fil-Każ R 2062/2014-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż esposti fil-kuntest tal-proċedimenti tal-appell.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2015 – Permapore vs UASI – José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins (Terraway)**

**(Kawża T-277/15)**

(2015/C 245/51)

*Lingwa tar-rikors: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Permapore Ltd (Nenagh Tipperary, l-Irlanda) (rappreżentant: J. Sales, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* José Joaquim Oliveira II – Jardins & Afins Lda (Grijó, il-Portugall)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "Terraway" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 988 301

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Marzu 2015 fil-Każ R 2496/2014-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-UASI u tissostitwiha b'deċiżjoni oħra li tiddeċiedi jew tordna li jiġi deċiż fid-dettall dwar il-kwistjonijiet fuq il-mertu/sostantivi u ma tillimitax ruħha għall-kwistjoni mqajma fir-rigward tal-ħlas fil-ħin tal-ispejjeż ġudizzjarji.

**Motivi invokati**

— Ir-rikorrenti ssostni li ħalset il-miżata tal-appell prevista fl-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 207/2009 fl-20 ta' Novembru 2014;

— Minn perspettiva sostantiva, ir-rikorrenti tinvoka l-ksur tal-Artikolu 52(1)(a) u (b), tal-Artikolu 7(1)(g) u tal-Artikolu 54 (2) *in fine* tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ġunju 2015 – Hamas vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-289/15)**

(2015/C 245/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Hamas (Doha, il-Qatar) (rappreżentant: L. Glock, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/521, tas-26 ta' Marzu 2015, li taġġorna u temenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/483/PESK, sa fejn din tikkonċerna lill-Hamas (inkluż il-Hamas-Izz-al-Din-al-Quassem);

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/513, tas-26 ta' Marzu 2015, li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 790/2014, sa fejn dan jikkonċerna lill-Hamas (inkluż il-Hamas-Izz-al-Din-al-Quassem);

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 ([1]), sa fejn id-deċiżjonijiet nazzjonali invokati mill-Kunsill ma jilħqux il-kundizzjonijiet meħtieġa minn dan l-artikolu sabiex jiġu kkunsidrati bħala deċiżjonijiet meħuda minn awtorità kompetenti.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball fuq il-materjalità tal-fatti, minħabba li l-parti l-kbira tal-fatti msemmija mill-Kunsill ma huma sostnuti minn l-ebda prova.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni dwar in-natura terroristika tal-organizzazzjoni Hamas.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nuqqas ta' indħil li jopponi li l-Hamas, li tikkostitwixxi moviment politiku legali li rebaħ l-elezzjonijiet organizzati fil-Palestina u li jiffurmaw il-qalba tal-Gvern Palestinjan, tista' titqies bħala entità terroristika.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kunsill.